MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2013

Numru. 94/2013

Il-Pulizija
(Sp Kevin Pulis)
vs
Maria Curmi, bint Paul, imwielda ir-Romania fis-26 ta' Diċembru, 1989, karta ta' l-identita' numru 578489(M)
u
Rose Mary Baldacchino, bint Anthony, imwielda Pieta' fit-12 ta' Ottubru, 1988, karta ta' l-identita' numru 478188(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli f'Awwissu, 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwlaifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi urew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, sabiex iqanalu tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b’qerq ta’ aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta’ Chantelle Caruana u ta’ persuni oħra;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ irċevuti tal-cashlink tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lil Chantelle Caruana, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati, inkella billi żiedu jew biddlu kklawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamlu użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom, kienet ħaġa misruqa, jew ħaġa meħuda b’qerq, jew akkwistata b’reat, naqsu milli jgħarrfu lill-pulizija, b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta jkun hekk saru jafu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Mejju, 2013 fejn l-imputati raddew lura lil Chantelle Caruana s-somma ta’ €520 li kienu ħadulha mill-cashlink card hawn fuq imsemmija.

Rat illi Chantelle Caruana ħafret lill-imputati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Mejju, 2013 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 308, 310(1)(b), 183 u 340(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputati raddew lura l-flus, għandhom fedina penali netta

u ammettew fl-ewwel udjenza ta’ din il-kawża. Għalhekk, ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tillliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------